l-orizzont – It-Tlieta, 30 ta' Marzu, 2010

# Ir-riforma tal-pensjonijiet

Ħmistax ilu kont tkellimt dwar l-iżviluppi l-aktar riċenti fis-sigurtà soċjali f'pajjiżna li seħħew bejn l-1997 u llum. F'dan il-kuntest kont semmejt li r-riforma tal-pensjonijiet bla dubju hi l-aktar żvilupp importanti mill-introduzzjoni tal-pensjoni taż-żewġ terzi 'l hawn, żvilupp li se jaffettwa lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Illum fil-fatt se nitratta f'aktar dettall il-punti ewlenin ta' din ir-riforma u kif din se tkun qiegħda tolqot il-pensjonanti futuri li huma l-ħaddiema tal-lum. Din ir-riforma, li tħabbret fl-2006, tolqot l-aktar lil dawk li twieldu mill-1962 'l hawn. Tolqot ukoll, għalkemm mhux daqstant, lil dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961.

## Għaliex ir-riforma?

Wieħed forsi jistaqsi għaliex kien hemm il-bżonn ta' din ir-riforma. Ir-raġunijiet ewlenin huma taħlita relatati mat-tibdil demografiku li għaddejjin minnu. Pajjiżna, bħal ħafna pajjiżi Ewropej, ilu jesperjenza tnaqqis fir-rata tat-twelid. Fil-fatt pajjiżna għandu waħda mill-aktar rati tat-twelid baxxi fl-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-popolazzjoni Maltija, bħal popolazzjonijiet kollha fil-pajjiżi avvanzati, kulma tmur qiegħda tgħix iżjed fit-tul. Illum fil-fatt, il-'life expectancy' tal-Maltin, jiġifieri kemm qegħdin jgħixu l-Maltin bħala medja, hi ta' madwar 83 sena għan-nisa u 78 sena għall-irġiel.

Mela meta għandek popolazzjoni li qiegħda tgħix aktar u popolazzjoni li qiegħda tipproduċi anqas persuni ġodda fi ħdanha, inevitabilment il-popolazzjoni kulma tmur qiegħda tixjieħ. Dan min-naħa tiegħu jħalli impatt fuq is-sigurtà soċjali u fuq is-servizzi tas-saħħa fost oħrajn, għax l-aktar nies li jagħmlu użu minn dawn huma l-anzjani.

Allura hawn jidħlu argumenti dwar kemm is-sistemi ta' ħarsien soċjali tagħna huma adegwati u sostenibbli. Jiġifieri kemm il-benefiċċji soċjali u pensjonijiet li qegħdin jingħataw u li jistgħu jingħataw fil-futur joffru u jistgħu jibqgħu jagħtu protezzjoni soċjali adegwata liċ-ċittadini tagħna? U kemm il-pajjiż jista' jibqa' jsostnihom finanzjarjament u ekonomikament? Mingħajr ma nidħol f'aspetti tekniċi żżejjed, wieħed jista' jgħid li dan kien ir-'raison d'etre' wara t-tibdil li kien tħabbar fl-2006.

## Lil min se tolqot ir-riforma?

Jekk inti twelidt qabel l-1 ta' Jannar, 1952, allura din ir-riforma mhux se tolqtok. Jekk inti twelidt bejn l-1 ta' Jannar, 1952 u l-31 ta' Diċembru, 1961, ir-riforma se tolqtok sa ċertu punt fl-aspetti kollha tagħha. Jekk inti twelidt fl-1 ta' Jannar, 1962 jew wara, ir-riforma se tolqtok fl-aspetti tagħha kollha – l-età tal-irtirar, is-snin li fuqhom tinħadem il-pensjoni u d-dħul pensjonabbli.

## L-età tal-irtirar

Fost l-aktar affarijiet importanti li nbidlu bir-riforma li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007, kien hemm iż-żieda fl-età tal-irtirar. Din se tibqa' 61 sena fil-każ ta' raġel u 60 sena fil-każ ta' mara li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 1952. Madankollu mara li twieldet qabel l-1952 tista' jekk trid taħdem sakemm tagħlaq il-61 sena b'għażla tagħha.

Iżda l-età tal-irtirar se tiżdied gradwalment u se titla' għal 65 sena għal min twieled mill-1952 'l hawn kif ġej:

(a) għal min twieled bejn l-1952 u l-1955, se titla' għal 62 sena;

(b) għal min twieled bejn l-1956 u l-1958, se titla' għal 63 sena;

(ċ) għal min twieled bejn l-1959 u l-1961, se titla' għal 64 sena;

(d) għal min twieled bejn fl-1962 jew wara, se titla' għal 65 sena;

## Irtirar qabel iż-żmien

Xi ħaġa ġdida li ddaħħlet bir-riforma hi l-possibiltà li persuna tirtira qabel l-età tal-irtirar propja tagħha. Nerġa ngħid li dan ma japplikax għal min twieled qabel l-1952. Bis-saħħa ta' din il-klawsola fil-liġi, persuna li twieldet fl-1952 jew wara, tista' jekk trid tirtira ta' 61 sena (l-istess għall-irġiel u n-nisa) kemm-il darba minn meta tkun għalqet it-18-il sena ikollha total ta':

(i) 1,820 kontribuzzjoni imħallsin jew akkreditati (35 sena) fil-każ ta' persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961; jew

(ii) 2,080 kontribuzzjoni imħallsin jew akkreditati (40 sena) fil-każ ta' persuna li twieldet fl-1962 jew wara.

Tajjeb li jingħad li jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegat aktar 'l fuq, hi ma tkunx tista' taħdem waqt li tkun qiegħda tieħu l-pensjoni sakemm tilħaq l-età propja tagħha tal-irtirar.

Hu importanti wkoll li jingħad li fil-każ biss ta' dawk li twieldu bejn l-1952 u l-1961, jekk persuna tagħżel li tirtira qabel iż-żmien kif spjegat aktar 'l fuq, biex din il-persuna ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħha. Il-35 sena ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa jridu jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel tirtira.

## Il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet

Għal min twieled wara l-1951 se jinbidel ukoll il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet li fuqu se tkun bbażata l-pensjoni. Dan illum u għal min twieled qabel l-1952, hu ta' 30 sena, li jinkludu l-aħħar għaxar snin ta' qabel l-irtirar. Madankollu dan il-perjodu se jitla' gradwalment għal 40 sena kif ġej:

(i) fil-każ ta' persuna li twieldet bejn l-1952 u l-1961 – 35 sena li jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq it-18-il sena u li jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel l-irtirar; u

(ii) fil-każ ta' persuna li twieldet fl-1962 jew wara – 40 sena li wkoll jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq it-18-il sena, imma mhux neċessarjament jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel l-irtirar.

## L-ogħla dħul pensjonabbli

Ir-riforma tal-pensjonijiet se tbiddel ukoll il-livell tad-Dħul Pensjonabbli Massimu u li fuqu tinħadem l-ogħla pensjoni tas-sigurtà soċjali li tista' titħallas. Id-Dħul Pensjonabbli Massimu sal-2004 kien ta' €15,723 (Lm6,750) fis-sena, iżda minn dakinhar beda jgħola kull sena biż-żieda tal-ogħli tal-ħajja biex illum qiegħed ta' €17,123 fis-sena. Madankollu, mis-sena d-dieħla (2011), id-Dħul Pensjonabbli Massimu se jibda jinbidel u jvarja skont meta l-persuna tkun twieldet, kif ġej:

(i) persuna li twieldet fl-1951 jew qabel – jiżdied biż-żidiet tal-ogħli tal-ħajja sakemm jilħaq massimu ta' €17,470 fis-sena;

(ii) persuna li twieldet bejn l-1951 u l-1961 – jiżdied biż-żidiet tal-ogħli tal-ħajja sakemm jilħaq massimu ta' €20,964 fis-sena;

(iii) persuna li twieldet bejn l-1962 jew wara – l-ewwel jiżdied fi tliet partijiet ugwali bejn l-2011 u l-2013 sakemm jilħaq massimu ta' €20,964 fis-sena, u mill-2014 'il quddiem jiżdied b'mekkaniżmu li 70% minnu ikun ibbażat fuq iż-żidiet medji fis-salarji u 30% fuq iż-żieda fl-inflazzjoni.

## Kontribuzzjonijiet akkreditati għall-ġenituri

Permezz tar-riforma, iddaħħal ukoll kunċett ġdid li jikkumpensa lill-ġenituri li jieqfu mix-xogħol biex irabbu lil uliedhom, inkluż ulied addottati. Permezz ta' din il-miżura, ġenituri li twieldu fl-1962 jew wara u li jkunu waqfu mix-xogħol biex jieħdu ħsieb lit-tfal tagħhom, jistgħu jingħataw sa massimu ta' 104 (sentejn) kontribuzzjonijiet akkreditati, għal kull tifel u tifla, li jgħoddu biss għal skop ta' pensjoni. Fil-każ ta' tifel jew tifla b'diżabilità, jistgħu jingħataw sa massimu ta' 208 (4 snin) kontribuzzjonijiet akkreditati. Dawn jingħataw għall-perjodi ta' waqfien mix-xogħol meta t-tifel jew tifla jkunu taħt is-sitt snin (jew għaxar snin fil-każ ta' tifel jew tifla b'diżabilità) u jekk kemm-il darba l-ġenituri jerġgħu jaħdmu għal mill-anqas il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet akkreditati li jistgħu jingħataw.

Biex nagħtu eżempju, ejjew nassumu li ġenitur imwieled fl-1962 jew wara, waqaf mix-xogħol meta kellu l-ewwel wild u ngħidu aħna sentejn wara kellu t-tieni wild. Meta dan tal-aħħar kellu tliet snin, il-ġenitur irritorna għax-xogħol.

Minħabba li l-perjodi tal-waqfien mix-xogħol kienu qabel iż-żewġt itfal tiegħu (separatament) għalqu s-sitt snin, dan il-ġenitur jista' jingħata sa massimu ta' 208 (4 snin) kontribuzzjonijiet akkreditati (għal skop ta' pensjoni jgħoddu daqs kontribuzzjonijiet imħallsin), jekk kemm-il darba jerġa' jaħdem għal mill-anqas erba' snin. Fil-każ li dan il-ġenitur jerġa' jaħdem għallanqas għal erba' snin, jieħu ammont ta' kontribuzzjonijiet akkreditati ugwali għalkemm ikun ħallas minn meta jkun irritorna għax-xogħol. Il-kontribuzzjonijiet akkreditati jistgħu jinqasmu bejn il-ġenituri skont il-perjodi ta' żmien li jkunu waqfu mix-xogħol separatement.



Minn MARK MUSÙ,
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali

## Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita

Ir-riforma tal-pensjonijiet se tbiddel ukoll il-Pensjoni Minima Nazzjonali. Din illum hi maħduma fuq il-prinċipju ta' erba' kwinti (4/5) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' persuna miżżewġa u żewġ terzi (2/3) tal-Paga Minima Nazzjonali fil-każ ta' persuna waħedha.

Bir-riforma, se tiddaħħal Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita mill-1 ta' Jannar, 2011 fejn persuna li twieldet fl-1962 jew wara, u li jkollha l-medja massima ta' kontribuzzjonijiet (50 fis-sena) u ma jkollhiex pensjoni tas-servizz ma tistax tirċievi pensjoni ta' anqas minn 60% tad-Dħul Nazzjonali Medju. Jekk ikollha pensjoni tas-servizz, l-ammont tal-pensjoni tas-servizz magħdud mal-pensjoni tas-sigurtà soċjali ukoll ma jistax ikun anqas minn 60% tad-Dħul Nazzjonali Medju.

Din ir-rata, li ma tista' qatt tkun anqas minn kemm tkun fis-sena ta' qabel, tkun ikkalkulata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern kull sena.

## Pensjoni tat-tieni u t-tielet pilastru

Bit-tibdil legali li kien sar fl-2007 b'riżultat ta' din ir-riforma, il-Gvern fetaħ it-triq biex fil-futur idaħħal fis-seħħ pensjonijiet tat-tieni u t-tielet pilastru. Bħalissa għaddej studju dwar dan, u li hu anke parti minn studju aktar wiesgħa li qed jeżamina is-sistema tal-pensjonijiet tal-istat.

Dan l-istudju, kif hu anke stipulat fil-liġi, irid jiġi ppreżentat fil-Parlament sal-aħħar ta' din is-sena u se jkun jinkludi fih rakkomandazzjonijiet biex ikomplu jkunu msaħħin l-adegwatezza, is-sostenibbiltà u s-solidarjetà soċjali. Dan ir-rapport imbgħad ikun diskuss fost oħrajn mill-Kumitat tal-Kamra għall-Affarijiet Soċjali. Rapporti bħal dan iridu jibqgħu isiru b'mod regolari kull ħames snin.





*IMPORTANTI: L-informazzjoni f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan tagħha huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt **www.msp.gov.mt**, tibgħat imejl fl-indirizz **social.security@gov.mt**, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-dipartiment f'Malta u Għawdex jew iċċempel fuq in-numru 159.*




▲ **Ir-rata tal-pensjoni tvarja skont id-dħul pensjonabbli li hu l-paga, is-salarju jew id-dħul bażiku li l-persuna jkollha u li fuqhom tkun ikkalkulata l-pensjoni**

● Issa ngħaddi għall-mistoqsijiet li rċevejt mingħandkom il-qarrejja. Mary Camilleri staqsiet: "Jiena twelidt fl-1953, ħdimt għal erba' snin mal-privat u dħalt naħdem mal-Gvern fl-1987.

Tista' tgħidli meta għandi dritt għall-pensjoni tas-servizz bħala ħaddiem tal-Gvern? Kemm irid ikolli kontribuzzjonijiet biex nilħaq iż-żewġ terzi tal-pensjoni? Jien meta nirtira ta' 61 jew 62 sena?"

Nirringrazzja lill-Mary Camilleri għall-mistoqsijiet tagħha. Għalkemm il-mistoqsijiet jikkonċernaw kemm il-pensjoni tas-sigurta' soċjali u kif ukoll dik tas-servizz (tat-Teżor) nista' nwieġeb fuq it-tnejn grazzi għall-għajnuna tad-Dipartiment tat-Teżor.

Infakkar li dawn huwa żewġ pensjonijiet separati u jitħallsu taħt liġijiet u kundizzjonijiet differenti.

Tajjeb li ngħid li biex xi ħadd ikollu dritt għall-pensjoni tas-servizz bħala ħaddiem tal-Gvern, irid ikun impjegat regolari tal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar, 1979.

Fil-każ ta' min hu membru tal-korp tal-Pulizija, tal-Forzi Arma- ti jew tas-Servizzi Korrettivi, dawn għandhom dritt għall-pensjoni tas-servizz anke jekk bdew is-servizz wara d-data msemmi-ja.

Qiegħed nassumi li l-qarrejja tagħna, għalkemm hi impjegata tal-Gvern, mhix membru tal-korp tal-Pulizija, tal-Forzi Armati jew tas-Servizzi Korrettivi.

Għalhekk, la skont ma qalet bdiet taħdem mal-Gvern fl-1987, m'għandha l-ebda dritt għall-pensjoni tas-servizz minħabba li ma kinitx impjegata regolari tal-Gvern qabel il-15 ta' Jannar, 1979.

Fir-rigward tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi, għal persuna li twieldet fl-1953, biex persuna tirċievi din il-pensjoni sħiħa, li titħallas lil xi ħadd li għandu l-medja massima ta' kontribuzzjonijiet (50 jew aktar), irid ikollu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet imħallsin jew akkreditati li jibdew jgħoddu mis-sena li fiha l-persuna tagħlaq 18-il sena u li jinkludu l-aħħar għaxar snin kollha ta' qabel l-irtirar.

Ir-rata tal-pensjoni tvarja skont id-dħul pensjonabbli li huwa l-paga, is-salarju jew is-dħul bażiku li l-persuna jkollha u li fuqhom tkun ikkalkulata l-pensjoni.

Kif anke qiegħed nispjega aktar f'din il-paġna illum, l-età tal-irtirar ta' xi ħadd li twieled fl-1953 hi ta' 62 sena, għalkemm kif għidt ukoll, din il-persuna tista' jekk trid tirtira ta' 61 sena kemm-il darba minn meta tkun għalqet it-18-il sena jkollha total ta' 1,820 kontribuzzjoni imħallsin jew akkreditati (35 sena).

Iżda kif għidt qabel, biex din il-persuna ma titlifx id-dritt li tirċievi l-ogħla pensjoni li tista' tirċievi skont id-dħul pensjonabbli tagħha, dawn il-35 sena ta' kontribuzzjonijiet iridu jinkludu l-aħħar għaxar snin ta' qabel tirtira.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

***Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,***
***A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000***

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz **ittri@unionprint.com.mt**. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*